# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D. – AGENT PRESIDENT**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**
**ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 2**

**Rikors Nru. 500/95 JSP**

**Paul McKay**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija u Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**Il-Qorti;**

Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Lulju, 1995 liema sentenza taqra kif gej:-

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors li bih ir-rikorrent ippremetta illi:-

1) Huwa l-proprietarju tal-post Nirvana, Guze' Gatt Street, Ta' Paris, B'Kara.

2) Huwa bena porch quddiem il-bieb principali tad-dar tieghu, li hija kostruzzjoni ta' entita' zghira hafna u dan sabiex iservi bhala lqugh mill-ilma tax-xita li kien jidhol ghal god-dar taghom, kif jirrizutla mill-annessa pjanta Dok A.

3) Huwa gie mixli quddiem il-Qrati tal-Magistrati biex iwaqqa' l-istess porch u l-kaz tieghu jinsab pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

4) Fil-vicinanzi tad-dar tieghu hemm diversi djar li ghandhom porches bhal tieghu kif jirrizulta mill-istess pjanta Dok A, fosthom il-postijiet Bien Venue, Triq Tumas Galea, B'Kara; Perth, L. Casolani Street, B'Kara; Warda, L. Casolani Street, B'Kara; Indonez Hill, Pappaffy Street, B'Kara' Nativity, Pappaffy Street, B'Kara; Joe Dan, Triq l-ahwa Cannataci, B'Kara; Irene House, Triq Tumas Galea, B'Kara; Harien, Triq Tumas Galea, B'Kara; Datne, Agnese Schembri Street, B'Kara; Floret u Fleur D'Amour, Triq Dun Karm, B'Kara; Joe Tess, Girasol Street, B'Kara; Tonica, Agnese Schembri Street, B'Kara; li kontra s-sidien taghhom l-intimati ma hadu l-ebda passi.

5) Oltre l-postijiet fuq indikati hemm mijiet ta' postijiet imxerrdin ma' Malta kollha li ghandhom porches simili ghal dak tar-rikorrenti u li kontra taghhom il-Pulizija ma hadu l-ebda passi.

6) Kif jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza hemm ukoll postijiet li mhux talli ma ttiehdux passi, imma anki nghataw il-permessi necessarji.

7) B'ittra tad-19 ta' Jannar, 1995, ir-rikorrenti interpellaw lill-intimati biex fi zmien gimgha jghidulhom jekk sejrin jittiehdu passi kontra l-proprietarji tal-postijiet fid-dintorni tad-dar taghhom li bnew porches u sallum ghadu ma nghata l-ebda twegiba.

8) L-azzjonijiet li hadu l-intimati huma abbuzivi, illegali u diskriminatorji u jmorru kontra d-dispost tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali illi nghata forza ta' ligi f'Malta bis-sahha tal-Att XIV tal-1987 u dan stante li d-dritt tieghu ta' tgawdija ta' hwejgu qieghed jigi lez u abbuzat.

9) L-intimati qeghdin jimxu b'diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti u dan bi ksru tal-artikolu 14 tal-ewwel skeda tal-Att XIV tal-1987.

10) Il-proceduri li ttiehdu fil-Qrati Kriminali kontra r-rikorrenti saru wkoll in vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-istess Att XIV tal-1987.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab li din il-Qorti tiddikjara li gew vjolati d-drittijiet fondamentali tieghu tat-tgawdija pacifika tal-proprieta' tieghu u d-dritt li ma jigix diskriminat, u b'hekk u

konsegwentement, tiehu dawk il-provvedimenti u taghti dawk l-ordnijiet illi jidhrilha li huma opportuni kontra l-intimati sabiex jigu salvagwardati d-drittijiet fondamentali tal-esponenti.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li biha espona:-

Illi preliminarjament, l-istess rikorrent ma ezawriex il-proceduri legali ghas-dispozizzjoni tieghu qabel ma ghamel l-istess rikors kostituzzjonali;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-ewwel lok ir-rikorrent irid jispjega x'tip ta' diskriminazzjoni qed jallega li sofra skond l-artikolu 14 tal-ewwel skeda tal-Att XIV tal-1987 li tispecifika diskriminazzjoni bhal ma huma ta' sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika, origini, minoranza ecc. u ohra ta' dan it-tip;

Illi jissemma wkoll ksur tal-ewwel protokol tal-konvenzjoni Ewropeja pero' tali protokol taghmilha cara li d-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti ma taghtix dritt li wiehed jibni kif irid u ma jsegwix il-proceduri tal-pajjiz;

Illi jisemma' li l-proceduri fil-Qorti Kriminali saru bi vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Att XIV tal-1987, pero' ma giex specifikat fuq liema bazi hemm tali ksur;

Illi donnu li l-istess rikorrent ma kiex iddecieda fuqiex jaghmel tali rikors u ghamel hafna allegazzjonijiet generali minghajr ma specifika xejn, b'mod li l-esponent ma hux f'posizzjoni li jista' jirribatti ebda allegazzjoni specifika u jirriserva li jaghmilha meta r-rikorrent jiccara tali allegazzjonijiet;

Illi, kif diga stabbilit fil-gurisprudenza taghna, illegalita' ma taghtix dritt ghal persuna ohra li ghadha ma gietx punita biex taghmel illegalita' simili;

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent huma bla ebda bazi fil-fatt u fid-ritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ma hemm l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu salv li jirriserva li jirrispondi ulterjorment meta l-allegazzjonijiet jigu debitament specifikati.

Rat ir-risposta tac-Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li biha espona:-

Illi preliminarjament, l-istess rikorrent ma ezawriex il-proceduri legali ghad-dispozizzjoni tieghu qabel ma ghamel l-istess rikors kostituzzjonali;

Illi minghajr pregudizju ghas-suespost, fl-ewwel lok ir-rikorrent irid jispjega x'tip ta' diskriminzzjoni qed jallega li sofra skond l-artikolu 14 ta' l-ewwel skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 li tispecifika diskriminazzjoni bhal ma huma sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politka, origini, minoranza ecc u orha ta' dan it-tip;

Illi jissemma wkoll ksur tal-ewwel protokol tal-konvenzjoni Ewropeja pero' tali protokol taghmilha cara li d-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti ma taghtix dritt li wiehed jibni kif irid u ma jsegwix il-proceduri tal-pajjiz;

Illi jisemma' li l-proceduri fil-Qorti Kriminali saru bi vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Att XIV tal-1987, pero' ma giex specifikat fuq liema bazi hemm tali ksur;

Illi donnu li l-istess rikorrent ma kiex iddecieda fuqiex jaghmel tali rikors u ghamel hafna allegazzjonijiet generali minghajr ma specifika xejn, b'mod li l-esponent ma hux f'posizzjoni li jista' jirribatti ebda allegazzjoni specifika u jirriserva li jaghmilha meta r-rikorrent jiccara tali allegazzjonijiet;

Illi, kif diga stabbilit fil-gurisprudenza taghna, illegalita' ma taghtix dritt ghal persuna ohra li ghadha ma gietx punita biex taghmel illegalita' simili;

Illi del resto, mhux minnu li ma bdewx jittiehdu passi ghab-bazi ta' l-ittra tad-19 ta' Jannar, 1995, anzi meta nbdew jittiehdu passi, l-istess rikorrent kiteb ittra ohra biex jipprotesta stante li issa bdew jittiehdu passi, u gie maghruf li ttiehdu fuq complaint tieghu stess.

Ghaldaqstant l-esponent waqt li jirrizerva li jirrispondi ghall-allegazzjonijiet meta dawn jigu specifikati, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tichad l-istess talbiet tar-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tar-rikors, ix-xhieda, dokumenti u provi esebiti.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet sottomessi.

Rat il-verbal tas-16 ta' Gunju, li ih il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

Il-fatti kif jirrizultaw mill-provi

1. Ir-rikorrent bena porch quddiem il-bieb principali tad-dar tieghu pjuttost dekorattiva ta' daqs zghir intiza bhala lqugh ghall-ilma tax-xita. Kostruzzjoni pero' li kienet tirrikjedi permess tal-Awtoritajiet kompetenti, permess li ma giex mitlub qabel saret il-kostruzzjoni.

2. Ir-rikorrent gie mharrek mill-Pulizija Ezekuttiva biex jidher fid-9 ta' Awissu, 1991, akkuza hekk:-

> "Fuq insistenza tad-Dipartiment tax-Xogholijiet (sottolinejar tal-Qorti) talli dawn l-ahhar xhur ghamel xoghol ta' bini minghajr il-permess approvat mill-P.A.P.B. Il-Qorti hija gentilment mitluba illi barra l-piena applikabbli tordna lill-imputat li jikkonforma ruhu mal-ligi."

3. Jirrizulta mill-provi quddiem il-Qorti tal-Magistrati illi l-Building Inspector idderiega lir-rikorrent li l-kostruzzjoni li bena u li kien diga ghamel, kienet fil-fatt tehtieg il-permess tal-P.A.P.B. Fatt dan ovvju jekk xejn ghaliex ix-xoghol kien fuq il-faccata u kien jiddisturba l-estetika approvata tal-fond – mhux necessarjament b'mod hazin. Ir-rikorrent applika ghall-permess fl-4 ta' April, 1991, pero' dan gie rifjutat fit-3 ta' Ottubru, 1991. Sadanittant ir-rikorrent kien gie mharrek fuq insistenza tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet. Ir-rikorrent applika biex ir-"refusal" jigi konsidrat u t-talba tieghu ghall-permess tigi milqugha quddiem is-Select Committee tal-Kamra tad-Deputati mwaqqaf bil-ligi apposta ghal din il-fini imma anke hawn ir-rikorrent kellu "refusal" fis-27 ta' Novembru, 1991.

4. Ir-rikorrent baqa' ma nehhiex il-kostruzzjoni abbuziva li ghamel u din sakemm jirrizulta mill-Qorti ghadha hemm sallum. B'sentenza tal-1 ta' Dicembru 1994, il-Qorti tal-Magistrati sabet lir-rikorrent hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' Lm50 u ordnatlu "jottempera ruhu mal-ligi jew inkella jwaqqa' l-porch, taht penali ta' Lm25 kuljum fin-nuqqas". Jirrizulta li r-rikorrent fl-4 ta' Ottubru, 1993, kien ghamel talba lill-Planning Authority – allura issa mwaqqfa bl-Att Nru I tal-1992 – biex it-talba tieghu ghall-permess terga' tigi riveduta. Din it-talba giet rifjutata fil-11 ta' Mejju, 1994. Mir-records tal-Awtorita'

jirrizulta li ma sar l-ebda appell minn dan ir-rifjut. Dan ifisser illi r-rikorrent ma uzufruwiex mir-rimedji ordinarji li taghtih il-ligi biex jikkontesta r-rifjut tal-Awtorita' tal-Ippjanar quddiem il-Bord tal-Appell – tribunal bil-ligi kostitwit biex jiddelibera u jiddeciedi finalment fuq it-talbiet ghall-ghoti ta' permessi tal-bini.

5. Ir-rikorrent pero' appella mis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Magistrati quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali li b'sentenza tal-5 ta' Mejju, 1995 – fil-pendenza ta' dawn il-proceduri – cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata. Ma jirrizultax mill-provi jekk minn dik is-sentenza sallum il-kostruzzjoni issa provata bhala abbuziva gietx jew le demolita volontarjament mir-rikorrent jew permezz ta' xi azzjoni esekuttiva da parti tal-Awtorita'.

Ikkunsidrat:-

1. Mill-fatti fuq elenkati jirrizulta illi in kwantu dan ir-rikors kien mirat biex iwaqqaf il-proceduri ta' l-appell quddiem il-Qorti Kriminali, dan gie soprafatt bl-eventi in kwantu dawk il-proceduri gew konkjuzi bis-sentenza li ddeterminathom finalment fil-5 ta' Mejju, 1995.

2. Dik is-sentenza wahedha u fiha nfisha mhux necessarjament tinnewtralizza l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent. Anke jekk hu minnu li l-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha investigat marginalment imma korrettement l-allegata diskriminazzjoni mertu ta' dan ir-rikors f'dawn it-termini

> "Issa apparti li l-kawza kienet ilha sejra quddiem il-Qorti Inferjuri minn Awissu, 1991, sa Dicembru, tal-1994, din il-Qorti ma tarax li dana l-ilment (ta' agir diskriminatorju) jista' b'xi mod iwassal ghal-liberazzjoni tal-appellant u dana anke li kieku gie pprovat – li fil-fatt ma giex – li l-appellant gie trattat b'mod differenti minn haddiehor gew addirittura b'mod diskriminatorju. L-appellant kiser il-ligi, anke jekk ghall-grazzja tal-argument hemm ohrajn li kissru l-ligi bla ma ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront taghhom, dan jista' talvolta jwassal ghal certi rimedji f'sede ohra, izda certament mhux ghal-liberazzjoni tal-appellant minn din il-Qorti.

L-illegalita' ma tistax tigi sanzjonata u jehtieg li tigi punita biex l-ordni socjali jigi ripristinat. Daqstantiehor pero' l-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali, jekk tirrizulta, jehtieg li tigi identifikata, rikonoxuta u b'mod xieraq rimedjata.

3. Il-Qorti ghandha qabel xejn tiddeciedi l-eccezzjoni preliminari tal-intimati illi r-rikorrent ma ezawriex il-proceduri legali ghad-disposizzjoni tieghu qabel ma ghamel ir-rikors kostituzzjonali. L-intimati, kif registrat fil-verbal tas-seduta tal-11 ta' April, 1995, iddikjaraw li skond id-disposizzjonijiet tal-Att Nru I tal-1993, ir-rikorrent kellu l-fakolta' li jmur quddiem il-Bord tal-Appell tal-Ippjanar kostitwit bl-artikolu 14 tal-istess Att u dan senjatament wara r-rifjut ghall-applikazzjoni tieghu biex jissanzjona l-izvilupp li ghamel. Min-naha tieghu r-rikorrent issottometta illi din l-eccezzjoni ma tregix billi l-bazi tar-rikors kostituzzjonali ma hijiex li l-Awtorita' tal-Ippjanar ma taghtux il-permessi mehtiega ghall-porch in kwistjoni imma li l-Kummissarju tal-Pulizija ha passi legali kontra tieghu biex iwaqqa' l-istess porch izda ma hax passi legali kontra numru kbir ta' nies li ghandhom porch simili fl-istess inhawi tad-dar tar-rikorrent u b'hekk saret diskriminazzjoni kontra tieghu.

4. Il-Qorti ssib l-eccezzjoni preliminari tal-intimati fondata. Hu veru li r-rikorrent isostni illi hu rrikorra quddiem il-Qorti u talab ghal rimedju kostituzzjonli ghaliex - skond hu – infethu proceduri kriminali kontra tieghu li hu iqis diskriminatorji fil-konfront tieghu. Pero' – apparti jekk tali allegata diskriminazzjoni kieku provata hijiex wahda li tiggustifika l-protezzjoni tal-vittma bil-provvedimenti kostituzzjonali – hu car illi ma huwiex il-Kummissarju tal-Pulizija li kien ikun fil-fatt hati ta' tali abbuz. Il-Kummissarju tal-Pulizija u s-subalterni tieghu, skond l-Att Dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp tal-1992, jagixxi biss fuq l-istruzzjonijiet lilhom moghtja mill-istess Awtorita' tal-Ippjanr beix jipprocedi gjudizzjarjament kontra min ikun naqas li jimxi skond l-avviz moghti lilu skond l-artikolu 51 u 52 tal-istess att. Dan l-Avviz ghandu forza ezekuttiva u l-ligi tipprovdi li l-Pulizija Ezekuttiva tagixxi kriminalment kontra persuni fuq istruzzjonijiet lilhom moghtija mill-Awotrita' biex jigi assigurat li l-ordnijiet taghha jigu osservati. Hekk kienet ukoll sostanzjalment il-posizzjoni fi zmien qabel l-Att I tal-1992, meta allura sitwazzjoni simili kienet taqa' fl-iskrutinju tal-Planning Area Permits Board u tad-Dipartment tax-Xogholijiet. Infatti l-akkuza kontra r-rikorrent hekk hi redatta:- "Fuq l-insistenza tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet". Hu notat illi r-rikorrent sussegwentement irrikorra lejn l-Awtorita' tal-Ippjanar taht il-ligi li istitwietha, approfitta ruhu mill-opportunita' li taghtu dik il-ligi biex ikollu l-kaz tieghu rivedut u talab li r-rifjut jigi rtirat billi jinghata lilu l-permess li kien mehtieg.

5. Hu allura ovvju illi r-rikorrent kellu ghad-disposizzjoni tieghu rimedju adegwat ghall-ilment tieghu billi jappella kontra l-avviz ta' rifjut lilu servut quddiem il-Bord tal-Appell – tribunal specjali statutorjament vestit bil-kompetenza li jissindika l-operat

tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Ir-rikorrent kien gie notifikat bid-dritt tieghu li jappella quddiem dan il-Bord fi zmien stabbilit bil-ligi u bil-procedura li kienet miftuha ghalih f'Nota mhemuza mal-avviz lilu moghti. Hu quddiem dan il-Bord li r-rikorrent kellu kull opportuntia' li jivventila l-ilment tieghu li hu kien qed jigi ghal xi raguni diskiriminat mill-awtorita' kompetenti. Hu dan it-Tribunal li seta' jinvestiga l-allegazzjoni ta' diskriminazjoni, jiddelibera fuq l-import taghha mid-diversi lati anke dak tekniku u jipprovdi rimedju adegwat. Hu dan il-Bord li hu vestit bil-kompetenza li jassigura t-twettieq tal-politika tal-Awtorita' tal-Ippjanar skond il-ligi u skond id-dettami tal-gustizzja naturali. Bord li l-opera tieghu hu finalment f'certi kazijiet sindakabbli mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

6. Dan jinghad ukoll fid-dawl tal-provvedimenti tat-Taqsima VI – Rejati dwar Zvilupp u Pieni – artikolu 56 tal-Att Numru I tal-1992, li fis-subinciz (1)(c) jipprovdi li kull min wara li (bhar-rikorrent) ikun gie notifikat b'avviz ta' twettiq jew avviz iehor taht l-artikoli 45, 50, 52 jew 53 ta' dan l-Att jonqos milli jhares xi wiehed mill-htigijiet ta' dak l-avviz fiz-zmien specifikat fih, ikun hati ta' rejat kontra dan l-att".

Is-subinciz (3) jipprovdi illi procedimenti kontra kull persuna ghal xi rejat imsemmi fis-subinciz (1) ghandu jsir quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali. Allura tramite is-servizzi tal-Pulizija Ezekuttiva. Li pero', fil-kazijiet taht ezami, ikun obbligata tagixxi jekk jirrizultalha (1) li nhareg l-avviz, (2) li dan gie debitament notifikat, (3) li dak li gie ordnat fl-avviz ma jkunx gie osservat, u (4) li jkun iddekorra t-terminu li fih l-ordni kellha tigi obduta. Taht certi aspetti allura l-Pulizija Ezekuttiva ma ghandhiex ghalfejn u stricto iure mhux kompitu taghha, li tindaga oltre dawn l-elementi kostituttivi tar-rejat. Kull addebitu ta' diskriminazzjoni hu allura fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija, fic-cirkostanzi, barra minn loku u kellu, se mai, jigi ndirizzat lill-Awtorita' tal-Ippjanar. Haga li f'certu sens anke jekk mhux b'taht kjarezza, ir-rikorrent qed jaddebita fil-premessi tieghu imma li ssib ostakolu fatali ghall-ilment tieghu fil-fatt fuq rilevat illi hu kellu rimedju adegwat illi seta' juzufruwixxi minnu, imma li sfortunatament skartah.

Il-Qorti tqis illi kieku r-rikorrent uzufruwixxa mill-opportunita' ta' appell lilu moghti bil-ligi u b'hekk ikun ezawrixxa r-rimedji ordinarji, hu seta' jinghata – f'kaz ta' ezitu favorevoli – rimedju shih u adegwat ghall-ilment meritu ta' dan ir-rikors. Dan ghaliex il-Bord tal-Appell seta', jekk ikun konvint mill-allegata diskriminazzjoni jew jakkorda l-permess mitlub lir-rikorrent kif gie

akkordat skond l-istess rikorrent lil haddiehor, talli ghamel kostruzzjoni abuziva minghajr permess. F'kull kaz ikun tnehha l-motiv tad-diskriminazzjoni allegata.

Hu applikabbli allura ghall-kaz in ezami il-proviso tal-artikolu 42(2) tal-Kostituzzjoni:-

> "Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel (u fil-kaz prezenti hekk qed taghmel) tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta (kif hi sodisfatta) li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma <u>jew kienu disponibbli</u> favur dik il-persuna <u>skond xi ligi ohra</u>".
>
> "Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali, dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gjudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli".
>
> ……………………….. omissis……………………………
>
> "Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta' kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li ma ghandhiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha, jekk dak il-possibbili rimedju <u>ma kienx pero' sa jirrimedja hlief in parti l-lanjanza tar-rikorrent</u>". Cirkostanza din li ma tokkorrix ghax – kif inghad l-appell miftuh ghar-rikorrent quddiem it-Tribunal Specjali seta' pprovdielu rimedju shih u adegwat ghall-ilment tieghu."
>
> (Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister noe – Qorti Kostituzzjonali deciz fis-7 ta' Marzu, 1994. Ara wkoll Anton Sicluna pro et noe vs Onor. Prim Minstru deciza mill-P.A. fil-21 ta' April, 1995).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghdha tiprevalixxi ruhha mid-diskrezzjoni moghtija lilha mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u taghzel li tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha skond dak is-sub-artikolu ghaliex tinsab sodisfatta li r-rikorrenti kellu disponibbli mezzi xierqa ta' rimedju ghal ksur minnu allegat, u konsegwentement tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti."

Minn dik is-sentenza appella r-rikorrent Paul Mckay permezz ta' rikors ta' l-appell prezentat fit-8 ta' Awissu, 1995 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza minnu appellata u tilqa' t-talbiet tieghu kontenenti fir-rikors promotorju bl-ispejjez taz-zewg istanza kontra l-appellati u tichad ukoll l-eccezzjoni preliminari ta' l-istess appellati.

Ic-Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ipprezenta risposta fl-10 ta' Awwissu, 1995 li fiha ta r-ragunijiet tieghu ghala l-appell tar-rikorrent ghandu jigi respint bl-ispejjez.

Ma jidhirx li l-Kummissarju tal-Pulizija, wiehed mill-appellati pprezenta risposta ghall-appell tar-rikorrent.

Fil-kors tat-trattazzjoni li hadet it-tul quddiem din il-Qorti, gew prezentati noti ta' osservazzjonijiet; dik ta' Paul McKay, ir-rikorrent, tinsab a fol 91 tal-process u dik tac-Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, appellat, tinsab a fol 94 tal-process. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa dawn iz-zewg noti ta' osservazzjonijiet fid-dawl tal-mertu kollu involut f'dan l-appell kif ukoll tas-sottomissjonijiet orali li saru mill-partijiet.

L-appellant ihossu aggravat bid-decizjoni tal-Qorti ghar-ragunijiet segwenti:-

1. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar ma laqghetx it-talba tieghu halli tirrevedi d-decizjoni u tohrog il-permess ghal porch. Huwa rega' talab lill-Awtorita' tirrevedi l-kaz, izda din it-talba regghet giet michuda. Iz-zmien mehud mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex tichad it-talba ghar-reconsideration kien itwal mit-terminu moghti mil-ligi sabiex isir appell mid-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u ghalhekk hu ma setghax jaghmel appell stante li t-terminu kien skada.

2. Fil-fehma tieghu ma jidhirx li l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni korretta tal-proviso ta' l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni. La darba t-terminu kien skada fil-mument tad-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti, ma setghax jinghad li dawk il-mezzi kienu ghadhom disponibbli. B'riferenza ghat-test Ingliz jghid: "have been available".

3. Fil-fehma ta' l-appellant l-Ewwel Onorabbli Qorti ma applikatx b'mod korrett il-poter li l-proviso ta' l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jaghtiha meta jipprovdi li Qorti tista', jekk tqis li tkun desiderabbli li taghmel hekk, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond is-subartikolu. Il-kliem "tqis li jkun desiderabbli" ma jaghtux diskrezzjoni assoluta lill-Qorti b'mod li l-Qorti ma taghtix ir-ragunijiet li minhabba fihom hija ser tkun tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha. In-nuqqas ta' l-appellant li ma jkunx utilizza l-mezzi kollha disponibbli, ma jiggustifikax lill-Qorti li tqisha desiderabbli li ma tezercitax is-setghat taghha meta l-Qorti tkun taf li l-appellant ikun skadielu t-terminu biex uza l-mezzi li

darba kellu, u li ghalhekk ma jkunx ghad baqghalu rimedju iehor ghajr dak tal-Qorti Kostituzzjonali.

4. Fil-fehma ta' l-appellant ma jidhirx li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-posizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li huwa parti fir-rikors kostituzzjonali izda ma kienx ikun parti mill-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appelli.

5. L-appellant jissottometti wkoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tar-rifjut ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tal-11 ta' Mejju 1994 li gie avzat lilu.

Fir-risposta tieghu ghall-appell, ic-Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, issottometta dan li gej:-

1. Illi mhux minnu illi z-zmien mehud mill-Awtorita' biex issir reconsideration kien itwal mit-termini moghti mil-ligi biex isir appell minn decizjoni ta' l-Awtorita' u ghalhekk ir-rikorrent ma setghax jappella stante li kien skadielu t-terminu. Dan ghaliex skond l-artikolu 37 ta' l-Att 1 ta' l-1992, wiehed jista' wara decizjoni ta' l-Awtorita' jitlob ghar-rikonsiderazzjoni jew jappella. F'kaz li jaghzel ir-rikonsiderazzjoni iz-zmien tieghu jibda jghodd biex jappella, wara li jkun ircieva d-decizjoni mir-rikonsiderazzjoni – vide l-proviso ta' l-artikolu 37 (2) ta' l-imsemmi att.

2. Fil-fehma tac-Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghalhekk, kien ir-rikorrent li ma utilizzax mir-rimedji xierqa li dak iz-zmien kellu disponibbli ghalih.

3. Illi l-interpretazzjoni ta' l-artikolu 42 (2) tal-Kostituzzjoni skond l-istess decizjoni appellata hija korretta stante li l-istess sub-artikolu isemmi "ghal ksur allegat huma jew kienu disponibbli". Dan ifisser anki jekk issa ma ghadhomx disponibbli.

Fil-kors tat-trattazzjoni orali kif anke permezz tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, l-appellant McKay, issottometta wkoll dan li gej:-

1. Il-passi kriminali mehuda kontra tieghu kienu separati mill-proceduri quddiem l-organi ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u antecedenti ghat-twaqqif taghha. L-organi ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ma setghux jiehdu konjizzjoni ta' l-ilment tad-diskriminazzjoni.

2. Il-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma kien parti fil-proceduri quddiem l-organi ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u ghalhekk fir-rigward tieghu ma setghax jinghad qatt li ma gewx ezawriti r-rimedji ordinarji provduti mil-ligi.

3. Illi li kieku ghall-grazzja ta' l-argument l-ilment tal-ksur tad-dritt fondamentali li ma jkunx soggett ghad-diskriminazzjoni imqanqal mir-rikorrent quddiem xi organi ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, inkluz il-Bord ta' l-Appell, dak l-organu kien jieqaf milli jkompli bil-proceduri quddiemu halli l-ilment jitressaq quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali. Ghalhekk ma jaghmilx sens li wiehed jghid li l-ilment imissu tqanqal quddiem il-Bord ta' l-Appell meta l-Bord ma kienx iddecidieh izda jirrimetti l-ilment ghal quddiem il-Prim'Awla.

Din il-Qorti tibda biex tghid illi s-sottomissjonijiet ta' l-appellant in support tal-aggravju tieghu, mhumiex hlief trufijiet u bidu ta' sottomissjonijiet xi ftit jew wisq disgunti bejniethom u li evidentement huma mmirati, jew intizi biex jindirizzaw lil din il-Qorti f'direzzjonijiet diversi meta essenzjalment hemm punt wiehed fondamentali f'dan l-appell u cioe' jekk gietx ezercitata tajjeb mill-Ewwel Qorti id-diskrezzjoni lilha moghtija mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.

Ghandu jinghad mill-ewwel illi din il-Qorti diversament seduta u komposta, fis-16 ta' Novembru, 1998, kellha opportunita' tidhol fid-dettal, u tezamina funditus, il-poteri u d-diskrezzjoni riservati lilha kemm mill-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Att XIV ta' l-1997 f'kaz fejn ikun jirrizulta illi r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa, jew ghamel uzu mir-rimedji ordinarji disponibbli taht il-ligi qabel ma jkun ghadda biex jitlob ir-

rimedju kostituzzjonali. Dan kien fis-sentenza "Joseph Arena nomine – vs- Kumissarju tal-Pulizija et" deciza minn din il-Qorti kif inghad.

F'dik is-sentenza, din il-Qorti kienet esprimiet ruhha hekk fir-rigward ta' dak illi hemm provdut bl-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni taghna kif anki, relattivament, ghal dak illi hemm provdut taht il-Konvenzjoni Ewropeja fir-rigward ta' l-ezawriment tar-rimedji lokali qabel ma l-Qorti ta' Strasbourg tigi adita biex tisma' xi kaz:-

> "Jekk ir-rimedju tan-non ezawriment tar-rimedji ordinarji jista' jitqies li hu, nehhi eccezzjonalment, wiehed prattikament assolut fir-rigward tar-rimedju taht il-Konvenzjoni Ewropeja, specjalment fil-kuntest tad-dritt ta' rikors quddiem din il-Qorti, mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' dak il-principju ghar-rimedju taht il-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni imkien ma tesigi, la espressament u lanqas implicitament, li r-rimedji disponibbli taht xi ligi ohra kellhom necessarjament ikunu gew ezawriti biex il-Qorti fil-gurisdizzjoni taghha kostituzzjonali tkun tista' tiehu konjizzjoni tal-mertu. Waqt illi ghandu ikun ovvju illi r-rikors li lill-Qorti Kostituzzjonali in tutela ta' allegat ksur ta' dritt fondamentali jew theddida tieghu, kellu bhala regola ikun l-ahhar tarka ta' protezzjoni gudizzjarja ghal dan id-dritt – u f'dan is-sens hi gustament il-gurisprudenza kostanti – id-dritt ghar-rimedji kostituzzjonali ma huwa bl-ebda mod <u>soggett</u> ghal din il-kondizzjoni. Ma taghmilx fil-fehma ta' din il-Qorti sens is-sottomissjoni ta' l-appellanti illi ma jkunx jezisti <u>dritt ta' access</u> skond il-Kostituzzjoni lil din il-Qorti jekk u sakemm ir-rimedji ordinarji ma jkunux gew esegwiti. L-appellanti qeghdin infatti jikkonfondu d-dritt sostantiv tal-ksur tad-dritt fondamentali li jkun

jezisti oggettivament una volta l-lezjoni tkun tista' tigi hekk kwalifikata skond l-ilment una volta provata, mar-rimedju procedurali li l-istess Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni jipprovdu ghall-protezzjoni ta' dak il-jedd u meta u safejn dan seta' jigi ezercitat. Il-fatt li skond il-Kostituzzjoni, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha d-diskrezzjoni li taghzel li ma tiddeklinax li tezercita s-setghat taghha nonostante kienet sodisfatta li mezzi xieraq ta' rimedju ta' l-allegat ksur kienu jew ghadhom disponibbli favur ir-rikorrent taht xi ligi ohra, hu ndikattiv mhux biss li kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellanti, il-Kostituzzjoni tqis rilevanti l-ksur tal-jedd fondamentali fih innifsu u mhux ir-rimedju jew rimedji accessibbli ghall-parti leza, imma wkoll li ma tqisx dikjarazzjoni ta' l-ezistenza  ta' dak il-ksur jew ta' theddida tieghu dipendenti mill-fatt jekk kienx jezisti jew le rimedju biex jigi rettifikat taht xi ligi ohra.

(c) F'dan il-kuntest hija korretta s-sottomissjoni ta' l-appellat illi n-non-ezawriment tar-rimedji ordinarji mhux eccezzjoni formali stante li l-Qorti tezercita diskrezzjoni jekk taghtix rimedju jew le biss jekk u meta jirrizulta rimedju iehor effikaci kontra l-allegat ksur ta' dritt fondamentali. Il-principju kostituzzjonali huwa illi l-Qorti Kostituzzjonali hija marbuta li taghti u ghandha taghti rimedju hlief fejn tkun sodisfatta li ma jkunx hemm rimedju xieraq u adegwat taht xi ligi ohra. Pero' mhux eskluz li taghti wkoll rimedju kostituzzjonali fil-kazijiet fejn jirrizultalha illi r-rikorrent kellu wkoll xi rimedju taht xi ligi ohra. Stabbilit li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili kellha kull jedd li ma tiddeklinax li tezercita s-setghat taghha <u>anke li kieku kienet sodisfatta li l-appellant kellu mezz xieraq ta' rimedju aliunde</u> u li dan setghet taghmlu fl-ezercizzju tal-poteri diskrezzjonali li l-istess Kostituzzjoni ttiha, anke f'dan il-kaz ghandu jkun evidenti illi l-ezistenza tal-ksur tal-jedd fondamentali ma kienx jiddependi mill-fatt li l-parti leza  ma

kellhiex dritt ta' ridress ghar-rimedju xieraq taht xi ligi ohra – fil-kaz taht ezami quddiem il-Qrati Ordinarji biex jissindikaw l-operat tat-tribunali amministrattivi (judicial review) kif suggerit mill-appellanti. Anke jekk dan jista' b'xi mod imgebbed jigi argumentat fir-rigward tal-procedura taht l-Att XIV ta' l-1987, dan certament ma jistax ikun applikabbli ghal proceduri taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. ir-riferenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja f'dan il-kuntest hi biss allura parzjalment rilevanti u bl-ebda mod ma tista' tikkostitwixxi ostakolu dirimenti tal-proceduri prezenti tentata mill-appellati."

Biex tikkompleta l-istampa, din il-Qorti ser tirriproduci wkoll parti ohra mill-istess sentenza taghha.

B'riferenza dejjem ghas-subinciz (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti qalet hekk:-

"Provvediment li jaghti l-attitudini wiesa' u shiha lill-Qorti li tkun ser tiddeciedi biex tasal ghall-konkluzjoni li ma tiehux konjizzjoni ta' rikors u konsegwentement tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha. Imma una volta l-Qorti tiddeciedi li ma kellhiex hekk tirrifjuta li taghmel, difficilment wiehed jara kif tali decizjoni setghet tkun sindakabbli mill-Qorti ta' Revizjoni. Differenti kienet forsi tkun il-posizzjoni, kieku l-Ewwel Qorti tkun iddeklinat li tezercita il-poteri bil-gurisdizzjoni taghha f'dawk il-kazijiet fejn tali rifjut ikun jirrizulta lil Qorti ta' Revizjoni li kien manifestament infondat."

Dan kollu, din il-Qorti irriproducietu, il-ghaliex jaghti stampa aktar kompleta ta' kif din il-Qorti fid-diversi komposizzjonijiet taghha kemm dik normali, kif ukoll dik okkazzjonali, harset tul is-snin lejn is-subinciz (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, li jaghtiha poter, illi tista' jekk tqis li tkun desiderabbli li hekk taghmel tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha f'kull kaz meta tkun sodisfatta illi mezzi xierqa ta' rimedju ghal hsara allegata huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra.

Giet riprodotta integralment parti mis-sentenza ta' in re Arena ukoll il-ghaliex din hija sussegwenti ghal sentenza l-ohra citata fis-sentenza appellata u precedenti u cioe' "Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister" deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu, 1994 u certament ukoll l-ohra li ukoll hemm riferenza ghaliha fis-sentenza appellata deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' April, 1995 u cioe' "Anton Scicluna proprio et nomine vs Onorevoli Prim Ministru".

Minn dan kollu li ghadu kemm inghad, temergi cara l-ewwel konkluzjoni u cioe' kemm huwa infondat l-argument, u allura s-sottomissjoni ta' l-appellanti, illi l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ma setghax jigi applikat fil-konfront tieghu il-ghaliex meta huwa intavola l-azzjoni kostituzzjonali, kien diga' skada d-dritt ta' l-appell u allura ma kellux dak ir-rimedju aktar disponibbli.  Fi ftit kliem, l-appellant jissottometti illi l-fatt illi ma jkunx uzufruwixxa ruhu mit-terminu biex jintavola appell u jkun hallih

jghaddi inutilment dak it-terminu ma jippregudikahx fis-sens illi tidher li ppretendew l-intimati llum appellati u kif qablet l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Din il-Qorti sempliciment ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Huwa evidenti mill-kliem ta' l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni illi r-rimedju li ghalih hemm riferenza huwa dak ir-rimedju li seta' ma kienx ghadu ezistenti meta tigi istitwita l-azzjoni kostituzzjonali imma li kienet disponibbli fi kwalunkwe kaz ghar-rikorrent f'xi zmien antecedenti u r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minnu.

Din il-konkluzjoni illi dak li jinghad supra ghal dik li hija gurisprudenza twassal lil din il-Qorti ghaliha hija illi l-fatt illi jekk stabbilit illi l-appellant kellu rimedju ordinarju u dan ma uzahx ma jfissirx necessarjament illi allura l-Ewwel Qorti – jew din il-Qorti – kienet jew hija obbligata/obbligati illi jiddeklinaw li jezercitaw gurisdizzjoni, cioe' li jiddeklinaw li jiehdu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ilment kostituzzjonali. Kif diga' inghad, fit-termini tal-gurisprudenza fuq citata, il-fatt tan-non uso tar-rimedju ordinarju ut sic, u indipendentement, mhux necessarjament dejjem u f'kull kaz u b'mod assolut ghandu jwassal lill-Qorti li tkun li tiddeklina li taghti rimedju. Jista' jkun hemm kazijiet fejn il-Qorti nonostante l-fatt illi ma kienx hemm uzu tar-rimedju ordinarju xorta ma tiddeklinax li tiehu konjizzjoni tal-ilment kostituzzjonali u taghti rimedji kif effettivament gieli gara f'kazijiet li verament huma rari, imma li jezistu specjalment meta jirrizulta jew li r-rimedju fi kwalunkwe kaz ma

kienx ikun effettiv jew inkella meta c-cirkostanzi tal-kaz kienu tali li jirrikjedu azzjoni mmedjata u li r-rikors ghar-rimedju ordinarju seta' ikun tali li jaggrava s-sitwazzjoni u l-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali.

Dan iwassal lil din il-Qorti ghall-ilment l-iehor ta' l-appellant u cioe' illi huwa qieghed jissottometti illi ghandha ssir distinzjoni bejn l-azzjoni kriminali li ttiehdet kontra tieghu u l-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li huwa fil-fatt qatt ma rrikorra ghalih. Huwa jissottometti wkoll illi li kieku rrikorra quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, ma seta' qatt jiehu rimedju peress illi appena kien jissolleva l-kwistjoni ta' l-allegata diskriminazzjoni kontrih, il-Bord jew kien jiddeciedi li din mhix fil-kompetenza tieghu li jiddecidiha jew kien jirreferi l-materja lill-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Dak illi l-appellant certament qieghed jevita li jammetti huwa illi li kieku huwa adixxa l-Bord ta' l-Appelli ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u dan indipendentement mill-kwistjoni tad-diskriminazzjoni b'kollox investa l-mertu u ddecidih favurih – kif seta' gara f'kazijiet ohra – awtomatikament dan kien iponi fine ghal proceduri kriminali li dak iz-zmien kienu pendenti kontrih bir-rizultat illi awtomatikament kienet tisfuma fix-xejn l-azzjoni kostituzzjonali jew it-tentazzjoni li jistitwiha. Mhux hekk l-appellant:- l-appellant ghazel illi wara li adixxa l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u wara li din cahditlu t-talba tieghu u wara li ghamel talba ghar-rikonsiderazzjoni flok segwa t-triq li logikament u legalment imissu

segwa sa l-ahhar biex ikollu decizjoni definittiva mill-oghla awtorita' li hemm taht il-Ligi dwar l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, huwa ghazel illi jieqaf wara r-rifjut tar-rikonsiderazzjoni u jintavola minflok l-azzjoni kostituzzjonali. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan kien zball fondamentali peress li din il-Qorti thoss li kien essenzjali biex ma jigix abbuzat is-sistema tar-rimedju kostituzzjonali illi f'kaz bhal dan l-appellant jezawrixxi r-rimedju ordinarju li taghtih dik il-ligi specjali u li wara kollox tipprovdi wkoll id-dritt ta' appell fuq punti ta' ligi mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli ta' l-Awtorita' quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell – rimedju li zgur l-appellant ma jmissux hassu daqstant liberu illi jiskarta. Evidentement, l-appellant ghazel triq illi gustament fic-cirkostanzi kellha twassal lill-Ewwel Onorabbli Qorti biex tasal ghall-konkluzjoni illi waslet u li cioe' illi c-cirkostanzi kienu tali illi kien il-kaz li tipprevalixxi ruhha mid-diskrezzjoni moghtija lilha mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha skond dak is-sub-artikolu peress li kienet sodisfatta – u anke din il-Qorti hija pjenament sodisfatta – li r-rikorrent kellu disponibbli mezzi xierqa ta' rimedju ghal ksur minnu allegat. Wara kollox, l-iskop kollu tal-kreazzjoni tal-Bord ta' l-Appelli taht il-Ligi dwar l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ma kienx ghajr dak li jigi provdut rimedju amministrattiv supra partes ta' skrutinju u possibilment revizjoni tad-decizjonijiet ta' l-Awtorita' bid-dritt ta' appell benche limitat quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Mhix korrett anqas is-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-Bord ta' l-Appelli ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kieku gie adit kien ikun marbut jirreferi l-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili

fi kwalunkwe kaz – il-Bord ta' l-Appeli mhuwiex Qorti la fit-termini ta' l-artikolu 46 (3) u d-definizzjoni ta' Qorti taht l-artiklu 47 tal-Kostituzzjoni.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva hlief li tichad  l-appell u li konsegwentement tikkonferma in toto s-sentenza appellata.  L-ispejjez ta' din l-istanza ikunu kollha a kariku ta' l-appellanti.

Dep/Reg

cb